

**IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU****Rikors ippreżentat fid-9 ta' Jannar 2014 — ZZ u ZZ vs Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri****(Kawża F-2/14)**

(2014/C 61/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* ZZ u ZZ (rappreżentanti: D. de Abreu Caldas u J.-N. Louis, avukati)*Konvenuta:* Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annulament tad-deċiżjoni tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li ma eżaminatx is-segwitu għall-ilment imressaq mir-rikorrenti kontra tnejn mill-kollegi tagħhom bħala riżultat tad-dikjarazzjoni konġunta malafamanti tagħhom u li jiġi kkunsidrat li ma kienx hemm lok li jittieħdu l-miżuri li kienu xierqa skont l-obbligu tagħha li tassisti.

**Talbiet tar-rikorrenti**

- jannulla d-deċiżjoni tat-13 ta' Diċembru 2012 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri li tagħlaq mingħajr segwitu t-talba tar-rikorrenti taħt l-Artikolu 24 kontra tnejn mill-kollegi tagħhom;
- jikkundanna lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri tħallas lir-rikorrenti, bħala dannu morali, EUR 01 provviżorju fuq id-dannu evalwat għal EUR 100 000;
- jikkundanna lill-Qorti Ewropea tal-Awdituri għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2014 — ZZ vs Il-Parlament****(Kawża F-4/14)**

(2014/C 61/40)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: A. Salerno u B. Cortese, avukati)*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew**Suġġett**

Annulament tad-deċiżjoni li jiġi mkeċċi r-rikorrent mat-tmiem tal-perijodu ta' prova.

**Talbiet tar-rikorrent**

- tannulla d-deċiżjoni tas-26 ta' Frar 2013 li tiddikjara t-tkeċċija tiegħu;
- tistabilixxi s-somma ta' EUR 35 000, inklużi l-interessi moratorji, bħala l-ammont li għandu jitħallas lil mill-Parlament Ewropew f'każ li r-riintegrazzjoni tiegħu tiltaqa' ma' ostaklu legali insormontabbli;
- tikkundanna lill-Parlament għall-ispejjeż.